MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 1805/2014/1

**Carlos Calamatta u Peter u Simone konjugi Calamatta**

**vs**

**Jean Galea Souchet, Daniela Galea Souchet**

**Il-Qorti**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tat-13 ta' Novembru 2014 biex jigi kawtelat allegat kreditu ta' €105,000 kontra l-intimati ghal self maghmul lilhom biex jithallsu kredituri taghhom u biex jintuzaw ghal bzonijiet ta' kuljum bhala familja, li gie milqugh provvizorjament fit-13 ta' Novembru 2014;

Rat ir-risposta ta’ Daniela Galea Souchet, bint ir-rikorrenti Peter u Simone Calamatta li ma oggezzjonatx ghat-talba;

Rat ir-risposta ta’ Jean Galea Souchet li oppona ghal hrug tal-mandat ghal diversi ragunijiet li ser jigu kunsidrati mill-Qorti;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti esebew diversi cheques u ricevuti mahruga jew lil intimati personalment jew imhallsin lil terzi. L-intimat Jean Galea Souchet jissottometti illi l-ammont mitlub hu eccessiv u l-proceduri legali inizjati mir-rikorrenti ghal gbir ta' dan l-ammont saru wara li bejn l-intimati bdew proceduri ta' separazzjoni u intizi biex igeghlu lil intimat jissottometti ghal xi forma ta' transazzjoni fis-separazzjoni bil-procedura tal-inibizzjoni intentata.

Din il-Qorti tqis dan l-argument kollu fallaci. Ir-rikorrenti iridu jippruvaw biss jedd prima facie ta' kreditu mhux li l-kreditu hu fil-fatt dovut jew dovut fl-ammont intier preciz. Daqstant iehor hi friegha s-sottomissjoni tal-intimat li hemm nuqqas ta' prova ta' self jew prova li saru l-pagamenti. Il-Qorti tqis illi dawn huma difizi li jingiebu f'kawza fuq il-mertu jew permezz ta' proceduri appoziti minn parti kontra l-ohra. Il-Qorti tqis ukoll li n-ness bejn il-kreditu pretiz u l-intimati hu li l-ammonti inghataw jew gew sbursati fiz-zmien meta l-intimati kienu mizzewgin. Kull difiza dwar dejn li jista' jkun dovut biss jew jappartjeni biss lil wahda mill-konjugi anki jekk wiehed mill-partijiet jiddikjara li ma kienx jaf li qed isir ma jsirx fl-isfond tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fejn il-prova li tinhtieg hi biss ta' jedd prima facie fil-konfront tal-intimati. Dan gie stabbilit bil-versamenti maghmula bid-dokumenti esebiti meta l-intimati kienu mizzewwgin u kwindi l-prezunzjoni hi li d-debitu jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti. Ma saret ebda prova da parti tal-intimati li tezisti xi forma ta' separazzjoni tal-beni bejniethom.

Hu minnu illi parti ma tistax tuza mandat biex bih iggieghel lil parti tissottometti ghar-rieda taghha pero daqstant iehor kreditur li ghandu pretensjoni ta' jedd li prima facie jidher li jezisti ma ghandux jigi mcahhad milli juza l-mezzi li taghtih il-ligi beix jipprotegi d-drittijiet tieghu. Del resto l-ligi timponi sanzjonijiet u rimedji kontra min jabbuza mid-drittijiet li taghti l-ligi. F'dan il-kaz l-inibizzjoni mhix intiza biex issawwat lil intimat li fil-fatt mhux qed jigi ipprivat mill-ishma jew minn negozju gestit mill-kumpanija Cleland & Souchet Limited izda biss li l-ishma jibqghu intatti sakemm il-vertenza fil-mertu tigi deciza.

L-intimat Jean Galea Souchet jissottometti wkoll illi parti mill-ishma huma parafernali tieghu. Waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 gie dikjarat illi hu ghandu 250 sehem li huma parafernali tieghu fis-socjeta Cleland & Souchet Limited. Apparti li hdejn it-talba ghal inibizzjoni ta' 42,932 sehem mill-istess socjeta, dan l-ammont hu negligibbli, ma jfissirx li ma jistax jigi kawtelat ukoll, dipendenti fuq il-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti fil-mertu u jekk fondata, il-komunjoni tal-akkwisti hux ser jaghmel tajjeb ghal dan id-debitu u fin-nuqqas f'liema kaz il-partijiet cioe l-intimati huma responsabbli bil-proprjeta parafernali taghhom ukoll.

Ghalhekk dan l-argument ukoll ma jreggiex.

L-intimat Jean Galea Souchet ukoll jissottometti illi ebda pregudizzju irrimedjabbli ma hu qed jigi kommess jekk ma jinharigx il-mandat peress illi d-dar konjugali tal-intimati tiswa il-fuq minn €1,000,000, u illi d-dannu fuq in-negozju jekk jintlaqa' l-mandat ser ikun ingenti. Dan l-ahhar parti tal-argument ma hix difiza kontra l-hrug tal-mandat peress illi n-negozju li tiggestixxi s-socjeta mhix qed jigi intralcjat izda biss li ma jsirx disponiment tal-ishma cioe tal-istess negozju li l-intimati jiggestixxu permezz tal-istess socjeta. In kwantu ghal valur tad-dar matrimonajli gie dikjarat fl-istess seduta tat-12 ta' Jannar 2015 illi hemm dejn u garanzija fuq u bl-istess proprjeta fl-ammont ta' oltre €930,000, apparti li depozitu ta' €120,000 li kien sar lil intimat Jean Galea Souchet fuq konvenju ta' bejgh tal-fond matrimonjali li sfaxxa ma giex ritornat lil kumpraturi prospettivi u jidher li l-istess ammont gia thallas lil kredituri ohra tal-intimati. Hu ovvju ghalhekk li l-uniku assi rilevanti in kawtela tal-pretensjoni tar-rikorrenti huma l-ishma.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni favur r-rikorrenti kontra l-intimati fuq 42,932 sehem fis-socjeta Cleland &

Souchet Limited C-24996 kif mitlub mir-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimati. Il-Qorti tordna notifika tad-digriet lil Malta Financial Services Authority.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------